MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

Seduta ta' l-20 ta' Frar, 2008

Appell Kriminali Numru. 388/2007

**Il-Pulizija**

**v.**

**Cherise Catania**

**Il-Qorti**:

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Cherise Catania, bint Nazzareno u Michelina Caruana, ID549782M, talli fis-27 ta' Lulju 2007 ghall-habta tat-8.00 a.m. gewwa Triq il-Gejza, Swieqi, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hsieb, xehtet ilma jew hwejjeg ohra mahlula jew hmigijiet fuq Anthony Licari;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) ta' l-1 ta' Novembru 2007 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmija Cherise Catania hatja skond l-imputazzjoni dedotta kontra taghha u kkundannatha sebat (7) ijien detenzjoni;

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ l-imsemmija Cherise Catania, minnha pprezentat fis-7 ta’ Novembru 2007, li permezz tieghu talbet ir-revoka ta’ l-imsemmija sentenza jew, alternattivament u bla pregudizzju, ir-riforma taghha kwantu ghall-piena;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet il-provi u lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tal-15 ta’ Frar 2008; ikkunsidrat:

L-appellanti ghandha bazikament tlett aggravji. L-ewwel aggravju hu fis-sens li l-Artikolu 40(1) tal-Kodici tal-Ligijiet tal-Pulizija, li tahtu sabet htija l-ewwel qorti, gie mhassar fis-sena 2001 u ma gie sostitwit b’ebda provvediment iehor. Dwar dana l-aggravju din il-Qorti tibda biex tosserva li huwa minnu li l-Artikolu 40 – dina d-disposizzjoni qatt ma kellha ebda subartikolu (1) – tal-Kap. 10 gie mhassar bl-Artikolu 33 tal-Att XXVII tal-2001, <u>izda effettivament gie sostitwit (ghall-anqas in parti) b’disposizzjonijiet ohra</u> u senjatament bid-disposizzjonijiet tar-Regolamenti ta’ l-2005 dwar l-Abbandun, ir-Rimi u t-Tnehhija ta’ Skart fit-Toroq u f’Postijiet jew Zoni Pubblici (A.L. 344/2005). Mill-banda l-ohra, is-sentenza ufficjali li hemm inserita fil-process tindika li l-ewwel qorti sabet htija mhux taht l-Artikolu 40(1) tal-Kap. 10 izda taht l-Artikolu 339(1)(f) tal-Kap. 9, u cioe` d-disposizzjoni li tikkontempla l-kontravvenzjoni kontra l-persuna ta’ kull min, bi traskuragni jew b’nuqqas ta’ hsieb, jixhet ilma jew hwejjeg ohra mahlula jew hmigijiet fuq xi hadd. Ghalhekk dana l-ewwel aggravju, u salv dak li ser jinghad aktar ‘l quddiem fir-rigwrad tat-tieni aggravju, hu infondat.

It-tieni aggravju hu fis-sens li l-ewwel qorti “ghamlet apprezzament ghall-kollox bla bazi tal-fatti.” Issa, mill-provi mismugha, jirrizulta li fil-gurnata u fil-hin indikati fl-imputazzjoni, Anthony Licari mar biex jidhol fil-*garage* tieghu halli johrog il-vettura u jmur ghax-xoghol, izda ma setax jaghmel dan ghax, biex jaccedi ghall-imsemmija remissa, kien ikollu jghaddi minn taht il-gallerija ta’ l-appellanti li minnha kien niezel ilma tal-hasil tal-art, u dan proprju ghax dak il-hin hija kienet qed tahsel il-gallerija taghha. L-imsemmi Licari, ghalhekk, mar jaghmel rapport ghand il-Pulizija u kellu jistenna sakemm jieqaf niezel l-

ilma qabel ma jkun jista' jmur ghax-xoghol. Din il-Qorti hi sodisfatta li dan hu dak li effettivament gara. Mela, fil-gurnata in kwistjoni Anthony Licari ma intlaqghatx bl-ilma. Issa, kemm l-imputazzjoni kif imfassla mill-Pulizija Ezekuttiva kif ukoll l-Artikolu 339(1)(f) tal-Kap. 9 jikkontemplaw sitwazzjoni fejn persuna effettivament tintlaqghat bl-"ilma jew hwejjeg ohra mahlula jew hmigijiet" (din id-disposizzjoni, incidentalment, ma tirrikjedix li dan isehh fit-triq jew f'post pubbliku). F'dan il-kaz, kif rajna, is-sur Licari ma ntlaqghatx. Dan, pero`, ma jfissirx li ma gietx kommessa kontravvenzjoni. Il-fatti kif jirrizultaw jinkwadraw ruhhom fil-kontravvenzjoni – kompriza u involuta f'dik ipotizzata fl-imputazzjoni – kontemplata fir-Regolament 4 tar-Regolamenti aktar 'l fuq imsemmija. Jinghad li din il-kontravvenzjoni hija kompriza u involuta f'dik ipotizzata fl-imputazzjoni ghax hemm l-istess elementi ta' tfigh ta' ilma mahmug pero` minghajr l-element li persuna effettivament tintlaqghat; u, per di piu`, il-piena ghar-reat skond l-imsemmi regolament 4 hija biss dik ta' ammenda u ma tinkludix dik karcerarja tad-detenzjoni. F'dan il-kaz neccessarjament japplika wkoll il-*proviso* tas-subartikolu (3) tal-Artikolu 3 tal-Kap. 319 (l-Att dwar il-Kummissarji ghall-Gustizzja), ghax dak li hu kompriz u involut fir-reat kif ipotizzat jekwivali ghal reat li jakkumpanja dak ipotizzat. In fatti, jekk wiehed jara sew dan ir-Regolament 4, abbinat mad-definizzjonijiet ta' "zibel" u ta' "haga li ddejjaq" ("nuisance") fir-Regolament 2 ta' l-istess Regolamenti, huwa evidenti li dak li ghamlet l-appellanti, u cioe` li halliet ilma tal-hasil jinzel mill-gallerija taghha ghal quddiem il-*garage* uzat minn haddiehor, jinkwadra perfettament fir-reat kontravvenzjonali ta' "thollija ta' zibel u oggetti ohra" skond ir-Regolament 4 tal-A.L. 344 tal-2005.

It-tielet aggravju ta' l-appellanti, subordinat u bla pregudizzju ghat-tnejn l-ohra, hu li l-piena kienet eccessiva. Galadarba din il-Qorti sejra ssib lill-appellanti hatja mhux skond l-imputazzjoni kif dedotta kontra taghha izda ta' reat inferjuri izda kompriz u involut f'dak ipotizzat f'dik l-imputazzjoni, ser ikun hemm neccessarjament mitigazzjoni fil-piena.

Ghall-motivi premessi din il-Qorti thassar u tirrevoka s-sentenza appellata in kwantu sabet lill-appellanti hatja skond l-Artikolu 339(1)(f) tal-Kodici Kriminali kif ukoll in kwantu kkundannatha ghall-piena ta' sebat (7) ijiem detenzjoni, u minflok issibha hatja talli fis-27 ta' Lulju 2007 ghall-habta tat-tmienja ta' filghodu, fi triq Gejza, Swieqi, bi traskuragni halliet iqattar zibel fit-triq u, wara li rat ir-Regolamenti 2, 4, u 10(1) tal-A.L. 344 tal-2005 u l-Artikolu 3(3) tal-Kap. 219, tikkundanna lill-appellanti Cherise Catania ammenda ta' Ewro 116, konvertibbli f'disghat (9) ijiem detenzjoni f'kaz ta' nuqqas ta' pagament skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------